**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Mejju, 2018**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 306/2018/1 AF**

**Sara Blasina (KTI Taljana AV0246214) fil-kwalità taghha ta' mandatarja specjali tas-socjetà estera SCI Tower 98 (No. 98 SC9067)**

**vs**

**Luisa Pedroni maghrufa wkoll bhala Luisa Pedroni Blasina**

**u**

**B'digriet tat-13 ta' Marzu 2018 l-Avukat Dr. Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw Xini Holdings Limited (C-38234)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Sara Blasina (KTI Taljana AV0246214) fil-kwalità taghha ta' mandatarja specjali tas-socjetà estera SCI Tower 98 (No. 98 SC9067), li permezz tieghu ghar-ragunijiet

hemm premessi, din il-Qorti intalbet li zzomm lil Luisa Pedroni maghrufa bhala Luisa Pedroni Blasina milli tbiegh:

(a) L-ishma li ghandha l-intimata Pedroni fis-socjetà intimata Xini Holdings Limited; u

(b) Il-fond li jgib in-numru ufficjali tmienja u ghoxrin (28) u l-isem "Shalom", fi Triq il-Gifen, Marsaxlokk, bil-garaxx anness mieghu li jgib in-numru ufficjali wiehed u tletin (31) fi Triq ix-Xini, Marsaxlokk, liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom.

Rat id-digriet taghha moghti fit-23 ta' Frar 2018.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer sabiex jirrapprezentaw lil Xini Holdings Limited.

Rat ir-risposta ta' Luisa Pedroni maghrufa wkoll bhala Luisa Pedroni Blasina.

Ikkunsidrat illi l-Art. 874 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Il-Qorti tibda biex tiskarta l-oggezzjoni mqajjma mill-intimata fir-rigward tal-jedd li ghandha Sara Blasina biex tidher ghal SCI Tower 98. F'dan l-istadju ta' proceduri din il-Qorti tqis sufficjenti d-dikjarazzjoni guramentata tal-istess Sara Blasina fil-kuntest tal-prezentata tal-mandat odjern.

Jirrizulta illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta ippronunzjata fis-27 ta' April 2017, il-Qorti ddecidiet *inter alia* billi:

> "Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara illi l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina ghandha fil-pussess taghha diversi somom ta' flus li jappartjenu lill-attur Pietro Blasina (illum mejjet) u lis-socjetà attrici estera monegaska SCI Tower 98 (No. 98 SC 9067)."

Minkejja li jidher din id-decizjoni giet appellata, din il-Qorti tqis li l-jedd tar-rikorrenti fil-konfront ta' Luisa Pedroni gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi fi proceduri ta' din ix-xorta.

Ghar-rigward tal-jedd pretiz fil-konfront tas-socjetà intimata, ir-rikorrenti nomine tikkonferma bil-gurament, u dan jirrizulta wkoll mill-fuq citata sentenza illi s-socjetà Xini Holdings Limited (rapprezentata hawnhekk minn kuraturi stante li bhalissa hija sprovvista minn diretturi) ssellfet minghand il-konjugi Blasina, ammonti konsiderevoli ta' flus sabiex inxtrat il-proprjetà f'Marsaxlokk. B'hekk l-istess socjetà Xini tista' eventwalment tigi dikjarata debitrici ta' Luisa Pedroni.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kif kontenuta fir-rikors tat-23 ta' Frar 2018 u zzomm lil Luisa Pedroni u Xini Holdings Limited milli jaljenaw taht kwalsiasi titolu, u/jew jikkostitwixxu favur terzi kwalsiasi titolu u/jew dritt reali u/jew personali fuq:

(a) L-ishma li ghandha l-intimata Pedroni fis-socjetà intimata Xini Holdings Limited; u

(b) Il-fond li jgib in-numru ufficjali tmienja u ghoxrin (28) u l-isem "Shalom", fi Triq il-Gifen, Marsaxlokk, bil-garaxx anness mieghu li jgib in-numru ufficjali wiehed u tletin (31) fi Triq ix-Xini, Marsaxlokk, liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom.

Il-Qorti tordna lir-Registratur jeffettwa d-debita registrazzjoni skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fl-eventwali kawza bejn il-partijiet.

IMHALLEF